**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru: 286/2015/1 RM**

**Bottega del Marmista Limited (C-31345)**

**-vs-**

**Paul u Carmen konjugi Mifsud**

**Illum, 11 ta' Gunju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Settembru 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' ghaxart elef, disa' mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€10,962.75) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' fornitura u tqeghid ta' irham fil-fond "Alkira", Triq Pietru Caxaro, Naxxar ammontanti ghal sbatax-il elf, disa' mija u sitta u erbghin Ewro (€17,946) (Dok. A), wara li tigi mnaqqsa s-somma ta' sitt elef, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin Euro centezmu (€6,983.25) dovuti lill-konvenuta Carmen Mifsud mis-socjeta` attrici ghal reklamar.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali (Numru 590/2014) tat-8 ta' April, 2014, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorjuipprezentat kontestwalment, u bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-pagament effettiv kontra l-intimati, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta[1] tal-konvenuti pprezentata fl-20 ta' Ottubru, 2015 fejn ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu ukoll rigettati bl-ispejjez stante li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2148[a] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti[2] li giet ipprezentata fil-21 ta' Marzu, 2016, li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet ulterjuri:-

1. *"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu wkoll rigettati bl-ispejjez stante li l-azzjoni attrici hija preskritta ukoll ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat is-sentenza moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Gunju 2017 li permezz taghha laghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti a tenur tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civil u astjeniet milli tiehu iktar konjizzjoni tat-talba attrici;

[1] Fol. 7
[2] Fol. 24

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Jannar 2018 fejn hassret is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta' Gunju 2017, cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, u ordnat li l-atti jintbaghtu lura lil din il-Qorti sabiex jissokta s-smigh tal-kawza;

Rat ir-Risposta ulterjuri tal-konvenuti[3] pprezentata fis-27 ta' Marzu, 2018 fejn ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. "*Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu wkoll rigettati bl-ispejjez stante li bejn kull ammont li talvolta jista' jkun dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici huwa kompensat ma' ammont iehor dovut mis-socjeta' attrici lill-konvenuta ghal reklamar ordnat mis-socjeta' attrici u effetwat mill-konvenuta ghal mija u erbghin gimgha fuq it-televizjoni lokali skont kif kien miftiehem bejn il-partijiet u skont kif rikonoxxut mill-istess attrici fil-premessi stess tar-Rikors promotur.*

2. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim-imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokument kollha prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

[3] Fol. 71

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Wara li gew michuda z-zewg eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti, jifdal biex jigi deciz il-mertu tat-talba attrici kif riskontrata bl-eccezzjoni ulterjuri tat-tpacija.

Is-socjeta` attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €10,962.75 rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' fornitura u tqeghid ta' irham fil-fond tal-konvenuti f'ammont totali ta' €17,946. Dan l-bilanc is-socjeta` attrici waslet ghalih wara li naqset l-ammont ta' €6,983.25 li hija ssostni li huwa dovut minnha lill-konvenuta Carmen Mifsud ghal servizzi ta' reklamar fuq il-programm televiziv minnha kondotta bl-isem "*House Magazine ma' Carmen*". Is-socjeta` attrici, ghalkemm tichad li kien hemm ftehim biex l-ammonti dovuti reciprokalment bejn il-partijiet jigu pacuti, naqqset mill-ammont minnha pretiz, is-somma li skont hi tirrapprezenta l-prezz dovut lill-konvenuti ghas-servizzi fuq imsemmija.

Min-naha taghhom il-konvenuti jopponu ghat-talba ghall-hlas ghaliex isostnu li l-partijiet kienu ftiehmu li dak kollu li kien dovut minnhom lis-socjeta` attrici ghal xoghlijiet ezegwiti fil-fond taghhom, kellu jigi pacut ma' servizzi ta' riklamar provduti lis-socjeta` attrici u wkoll ghall-partecipazzjoni taghha fil-programm televiziv tal-konvenuta. Jeccepixxu ghalhekk, it-tpacija.

**Verzjoni Attrici**

Is-socjeta` attrici, li topera fil-qasam tal-fornitura u tqeghid tal-irham, tghid illi fis-sena 2006 id-direttur taghha, Joseph Azzopardi, kien jidher fuq il-programm televiziv tal-konvenuta darba fil-gimgha f'*slot* ta' ghoxrin minuta biex jitkellem dwar l-irham, u l-konvenuta kienet taghmillu reklami dwar l-irham waqt il-program. Il-program kien fih 38 episodju kull stagun u l-ftehim li ntlahaq kien ghall-hlas ta' Lm1,000 kull stagun, izda billi meta s-socjeta` attrici bdiet tippartecipa fil-program, l-istagun kien diga` beda, hija kienet hallset ammont *pro-rata*.

Wara xi sentejn, il-konvenuta kienet regghet avvicinat lil Joseph Azzopardi biex jerga' jiehu sehem fil-programm. Fl-istess zmien, il-konvenuta u zewgha kienu ser jibnu villa fi Triq Pietro Caxaro fin-Naxxar u hija inkarigat lis-socjeta` attrici taghmel xoghol kollu tal-irham, kif ukoll xogholijiet ta' *wall cladding*, xi turgien u *surround* ta' swimming pool fost ohrajn. Waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet mis-socjeta` attrici fil-fond tal-konvenuti, ingibdu filmati tax-xoghol biex jintuzaw fis-*slots* allokati lilha fuq il-programm tal-konvenuta. Kien sar ftehim bejn il-partijiet li Joseph Azzopardi jinghata 20 minuta *extra* fuq il-programm biex ikollu *slot* fejn jitkellem fuq l-irham, u *slot* iehor fejn jispjega *man mano* mal-filmat, dak kollu li jkun qed isir bhal xoghol fil-fond tal-konvenuti.

Dwar l-ammont dovut ghall-partecipazzjoni fil-programm u r-reklamar, Joseph Azzopardi xehed illi l-hlas kellu jibqa' l-istess ammont minhabba r-reklamar, u kienet il-konvenuta stess li kienet dejjem tghidlu biex ikomplu mexjin bil-ftehim tas-sena ta' qabel, cioe` il-hlas dovut ikun fis-somma ta' Lm1,000 kull stagun. Ghalhekk, l-ammont li gie mnaqqas ghall-fini tar-Rikors promotur (€6,983.25) jirrapprezenta s-somma ta' Lm1,000 ghal tliet darbiet, rapprezentanti tliet staguni bejn l-2009 u l-2012, ikkonvertita fil-munita Euro.

Skont is-socjeta` attrici, il-ftehim mal-konvenuti kien li kellhom ihallsuha biss ghall-materjal izda mhux tal-*mano d'opera* u dan sabiex dan ix-xoghol iservi ta'

*show case* ghan-negozju taghha izda ghall-bqija, il-partijiet kienu qablu li jhallsu lil xulxin dak kollu dovut bejniethom. Is-socjeta` attrici tichad li qatt sar ftehim li ssir tpacija assoluta tal-ammonti dovuti lil xulxin u tishaq ukoll illi filwaqt li hija ma kienetx harget kont tax-xogholijiet sakemm dawn effettivament kienu tlestew, il-konvenuti qatt ma hallsu xejn minn dak dovut minnhom.

Rigward il-hlas ghax-xogholijiet li saru fil-proprjeta` tal-konvenuti, liema xogholijiet kellhom valur ta' €17,946, Joseph Azzopardi xehed illi peress li kien sar hbieb mal-konvenuta, ma tantx kien ta kas tal-kwistjoni tal-pagamenti ghax-xoghlijiet li kien qed jaghmel fil-fond taghha, izda jsostni li l-konvenuta kienet ripetutament tghidlu li hemm bzonn li thallsu akkont ta' dawn ix-xogholijiet. Wara l-ewwel sena tal-programm, meta l-valur tax-xoghol kien lahaq cirka €8,000, il-konvenuta kienet talbitu jghidilha x'kien hemm dovut u talli kien deher fil-programm taghha dik l-istess sena (2009), kellu jaghti xi €2,300. Gieli kienet issaqsih x'kien hemm dovut u darba minnhom qalilha li kienu wasslu ghal €15,000.

Joseph Azzopardi tenna jghid li hu ma talab ebda hlas ghall-mano d'opera tieghu u l-valur mitlub huwa biss tal-materjal supplit. Zied jispjega illi l-ftehim originali kien illi l-konvenuta kellha thallas akkont *man mano* li jsir ix-xoghol tal-irham u wara kellhom isiru l-konteggi finali b'dan illi jekk ikun hemm ammont dovut favur il-konvenuti, kellu jhallashom bhal ma hallashom l-ewwel darba. Madanakollu, qatt ma sar ebda hlas akkont.

L-istess Joseph Azzopardi zied jghid illi qabel effettivament giet ipprezentata l-ittra ufficjali tat-8 ta' April 2014, il-konvenuta dejjem kienet twieghdu li ser thallsu akkont. Hu xehed hekk fir-rigward:-

"*Nghid li peress li kien hemm amicizja reciproka kont nghidilha biex tirranga hi bhal speci. Qatt ma hlomt li kelli nasal sa hawnhekk biex nithallas u kien hafna drabi li effettivament il-konvenuta kienet lesta li thallasni.*"

Joseph Azzopardi xehed ukoll illi filwaqt li x-xogholijiet fid-dar tal-konvenuti tlestew f'Gunju 2012, il-kont tax-xoghol kien intbaghatilhom l-ewwel darba fil-5 ta' Ottubru 2012[4]. Ftit wara li ntbaghat dan il-kont il-konvenuti infurmawh li ma jistghux ihallsu ghaliex il-konvenuta kienet qed tahdem b'salarju ta' cirka €600 fix-xahar u ghalhekk ma kellhomx biex ihallsu. Ghalkemm Joseph Azzopardi afferma li hu ma kienx hallas tar-riklami u tal-partecipazzjoni tieghu fil-programm tal-konvenuta, izda insista li l-konvenuti qatt ma qalulu li ma kellhom jaghtuh xejn.

Sussegwentement intbaghtet ukoll ittra legali lill-konvenuti f'Novembru 2012, u kien f'dan l-istadju illi l-konvenuta infurmat lis-socjeta` attrici illi l-ammont dovut kellu jigi pacut mas-servizzi ta' reklamar li kienet tat fuq il-programm taghha ghal diversi snin. Hija regghet tenniet dan anke waqt laqgha li Joseph Azzopardi kellu mal-konvenuti fid-dar taghhom fejn ippruvaw jikkonvincuh illi l-ammont dovut kellu jigi pacut mas-servizz moghti fuq il-programm.

**<u>Verzjoni tal-Konvenuti</u>**

Il-verzjoni tal-konvenuti hi li Joseph Azzopardi ghan-nom tas-socjeta` attrici kien ha sehem attiv ghal numru ta' snin fil-programm televisiv imtella' mill-konvenuta Carmen Mifsud, bl-isem ta' "House Magazine ma' Carmen". Din il-partecipazzjoni bdiet f'Marzu 2006 u damet sejra sbatax-il gimgha sa Gunju 2006, u sar hlas fis-somma ta' Lm 802.40 b'rata ta' €109.95 kull gimgha, u dan wara li kien inghata skont mill-prezz originali ta' Lm100 (€233) fil-gimgha**.** Kien sar ftehim bil-mitkub ghal dan l-istagun u l-ammont li kien dovut bhala pakkett minghajr distinzjoni bejn hlas ghal riklami u hlas ghal *talk-time*.

[4] Dok. A a fol. 2

Wara perjodu ta’ assenza, Azzopardi rega’ gie mistieden biex jiehu sehem fil-programm mill-bidu tieghu fis-7 ta' Jannar 2009 sal-ahhar tal-iskeda fl-24 ta' Gunju 2009, b’kollox 23 gimgha. Sussegwentement baqa’ jigi mistieden u baqa’ jiehu sehem b'mod regolari fil-programm ghall-istaguni ta’ wara, cioe` bejn Ottubru 2009 u Gunju 2010, bejn Ottubru 2010 sa Gunju 2011 u bejn Ottubru 2011 u Gunju 2012, ghal 39 gimgha kull stagun, cioe` total ta’ 140 gimgha.

Il-konvenuta fissret illi meta hija kienet avvicinat lil Azzopardi biex jerga’ jidher fil-programm taghha wara l-istagun tal-2006, spjegatlu li fil-programm kienet se tiffilmja dar li kienet se tinbena, u wara li tatu r-rati tal-programm huma ftehmu li s-socjeta` attrici taghmel xi xogholijiet fid-dar u b’hekk ipartu s-servizzi rispettivi taghhom minghajr ma jinhargu ebda fatturi.

Dawn ix-xogholijiet saru mis-socjeta` attrici fuq medda ta’ tliet snin li fihom Joseph Azzopardi baqa’ jigi mistieden fuq il-programm tal-konvenuta sakemm tlestew ix-xogholijiet fid-dar. Il-konvenuti jghidu li filwaqt li huma ma hallsux ghax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fid-dar taghhom, ma sar ebda hlas lanqas ghas-sehem ta’ Bottega del Marmista fuq il-programm fil-perijodu bejn l-2009 u Gunju 2012, ghaliex kien hemm ftehim verbali bejniethom li l-ammont kollu tar-riklamar kellu jkun pakkett biex isir l-irham fid-dar. Il-ftehim kien l-istess ghat-tlett snin sakemm spicca l-programm.

Dan ix-xoghol tal-irham sar fil-proprjeta` taghhom fin-Naxxar u gie ffilmjat u eventwalment muri fuq il-programm tal-konvenuta lejn l-ahhar tal-2011 u l-ewwel sitt xhur tal-2012, bhala pubblicita` lis-socjeta` attrici. Barra minn hekk, is-Sur Azzopardi kien jidher "live" biex jitkellem fuq dak li jkun qieghed jigi muri, filwaqt li wkoll iwiegeb xi mistoqsijiet tal-udjenza.

Skont il-konvenuti, fis-snin 2009/2010 u 2010/2011, ir-rata tal-offerta specjali ghal min kien kontributur regolari fuq il-programm televiziv kienet ta' €180 fil-

gimgha (eskluz VAT). Dawn ir-rati kienu jigu negozjati mal-klienti sena b'sena, bir-rata ordinarja tkun ta' €180 fil-gimgha, izda fl-ahhar sena 2011/2012, din ir-rata zdiedet ghal €200 fil-gimgha (eskluz VAT).

Il-konvenuti jsostnu illi abbazi ta' dawn ir-rati, l-ammont totali li huwa dovut mis-socjeta` attrici ghal 140 gimgha, kieku kellu jigi applikat l-iskont ta' 35% li normalment kien jinghatalha, huwa ta' €19,926.66 (eskluz VAT), liema ammont jissupera s-somma ta' €6,938.25 li l-istess socjeta` attrici unilateralment iddeciediet li ghandha taghti lill-konvenuti ghar-reklamar, u jeccedi wkoll l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ghax-xoghol ta' irham. Il-konvenuta xehdet ukoll li jekk ma jigix applikat dan l-iskont, il-kont mahdum bir-rati ta' offerta specjali ghal min kien kontributur regolari fuq il-programm, kellu jkun ta' €25,980 minghajr VAT jew €30,656.40 inkluz VAT.

Il-konvenuta fissret illi l-kontributuri l-ohrajn fuq dan il-programm kienu jhallsu fuq fattura fiskali jew in kontanti jew bi tpartit ma' prodotti jew servizzi, skont il-kaz. Ziedet tghid illi lis-socjeta` attrici qatt ma ipprezentat fattura tax-xoghol, ghax kif kien miftiehem, l-ebda naha ma kellha taghmel dan.

Ikkunsidrat;

Is-socjeta` attrici ssostni li l-partijiet accettaw li l-ammonti dovuti lil xulxin – da parti taghha bil-fornitura u tqieghid ta' irham fil-fond ta-konvenuta u da parti tal-konvenuta, bis-servizzi ta' reklamar u *talk-time* fuq il-programm televiziv taghha - kellhom jithallsu u huwa proprju ghalhekk illi ghall-fini tal-azzjoni ghall-hlas, hija naqqset mis-somma lilha dovut, dik is-somma li dehrilha li hija dovuta minnha lill-konvenuti. Is-socjeta` attrici tichad, izda, li kien sar ftehim espress li l-ammont shih dovut lilha ghax-xogholijiet ezegwiti ghall-konvenuta kellu jigi kkumpensat bis-servizzi pprovduti mill-konvenuta.

Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta` attrici ssottometta illi galadarba ma sar l-ebda ftehim ta' tpacija bejn il-partijiet, il-konvenuti, biex jistghu jinvokaw b'success it-tpacija *ipso jure* a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artkolu 1196 *et seq*. tal-Kodici Civili ghall-fini li s-socjeta` attrici titqies li hija debitur taghhom, kien jehtigilhom iressqu talba rikonvenzjonali. Izda billi ma saret ebda talba rikonvenzjonali f'dawn il-proceduri u ma jirrizultax lanqas illi l-kreditu vantat mill-konvenuti gie kanonizzat f'proceduri ohrajn, ma tista' ssir ebda tpacija kif minnhom pretiz.

Il-konvenuti da parti taghhom isostnu illi kien sar ftehim ta' tpacija bejn il-partijiet proprju sabiex kull ammont li jkun dovut reciprokalment jigi kkumpensat. Jikkontendu wkoll, iktar minn hekk, li s-somma li hija dovuta lilhom mis-socjeta` attrici tissupera s-somma ta' €6,983.25 li giet imnaqqsa mit-talba ghall-hlas maghmula mis-socjeta` attrici. Skont il-konvenuti, is-somma li hija dovuta mis-socjeta` attrici ghas-servizzi lilha moghtija fuq il-programm televiziv imtella' mill-konvenuta, teccedi wkoll l-ammont shih pretiz mis-socjeta` attrici u ghaldaqstant, applikat il-ftehim ta' tpacija milhuq mill-partijiet, ma huwa dovut l-ebda ammont kwalsiasi lis-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis li sabiex jirnexxu fid-difiza taghhom li kien hemm ftehim ta' tpacija bejn il-partijiet, il-konvenuti jridu jressqu provi li jikkonvincu fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet, illi l-partijiet ftiehmu specifikatament illi jikkumpensaw il-valur tas-servizzi moghtija lil xulxin.

Il-Qorti taqbel illi jekk jigi ppruvat li effettivament il-partijiet ftiehmu li jpacu l-ammonti kollha li jistghu jsiru dovuti lil xulxin, ma jkun jehtieg ebda talba rikonvenzjonali *ad hoc* da parti tal-konvenuti biex l-ammont pretiz mis-socjeta`

attrici jinqatel bil-kreditu minnhom vantat, u biex b'hekk it-talba gudizzjarja taghha ghall-hlas tigi newtralizzata.

F'dan l-isfond, dak li jehtieg li qabel xejn jigi determinat, huwa jekk kienx intlahaq ftehim specifiku bejn il-partijiet sabiex jikkumpensaw l-ammonti dovuti lil xulxin kif fuq premess, cioe` jekk hijiex ippruvata t-tpacija konvenzjonali. F'kaz affermattiv il-Qorti tqis illi ma jkun jehtieg l-ebda indagni ulterjuri sabiex jigi stabbilit x'kien effettivament l-ammont li huwa dovut lill-konvenuti ghas-servizzi ta' reklamar u partecipazzjoni fil-programm televiziv, ghaliex ikun ifisser li hemm tpacija assoluta irrispettivament mill-ammonti wiehed jew l-iehor.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-29 ta' Settembru 2011, fl-ismijiet **John Camilleri et vs Charles Vassallo**, qalet hekk:-

"*Illi, minbarra dan, it-tpaċija hija meqjusa mil-liġi bħala waħda mill-modi li bihom tintemm obbligazzjoni (Art. 1145(d) tal-Kap 16). Biex isseħħ it-tpaċija, għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm obbligazzjoni li toqtol, għal kollox jew f'biċċa, obbligazzjoni oħra kuntrarja. Dan ifisser li t-tpaċija, meta tiġi eċċepita, tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja (Art. 1196(2) tal-Kap 16) u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;*

....

*Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha (Kumm.26.11.1984 fil-kawża fl-ismijiet Merċieca noe vs Debono noe et (Kollez. Vol: LXVIII.iv.235)).*"

Hu manifest illi l-partijiet jaghtu verzjonijiet kontradittorji dwar ix-xorta ta' ftehim li ntlahaq bejniethom ghall-hlas tal-ammont dovuti lil xulxin. Il-konvenuti jikkontendu li kien hemm ftehim ta' tpacija filwaqt illi s-socjeta` attrici tinnega li kien hemm konvenzjoni f'dan is-sens.

In materja ta' verzjonijiet kunfliggjenti tal-partijiet, inghad hekk fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[5]:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fliet l-atti u fil-fehma taghha mill-assjem tal-provi huwa eskluz illi bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim illi l-ammonti rispettivi dovuti - kwantu ghas-socjeta` attrici ghar-reklamar fuq il-programm tal-konvenuta u kwantu ghall-konvenuti ghax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fid-dar taghhom - kellhom jigu pacuti.   Din il-konkluzjoni hija waslet ghaliha wara li kkunsidrat diversi fatturi.

Meta wiehed iqis illi x-xogholijiet li s-socjeta` attrici giet inkarigata li twettaq fil-fond tal-konvenuti kienu konsiderevoli u kienu progettati li jsiru fuq medda ta' snin, il-Qorti tistenna illi jekk kien hemm verament ftehim ta' tpacija assoluta bejn l-ammonti dovuti reciprokalment, kellu jintwera illi saret kwantifikazzjoni, talanqas wahda approssimattiva, mhux biss tal-valur tal-appalt moghti lis-socjeta` attrici izda wkoll tal-valur tas-servizzi ta' reklamar li kellhom allegatament imorru biex ipacu l-appalt.

[5] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2003.

Madanakollu, filwaqt li jidher li l-appalt moghti lis-socjeta` attrici kien wiehed holistiku u x-xogholijiet kienu progettati minn qabel, diversament il-partecipazzjoni tas-socjeta` attrici fuq il-programm tal-konvenuta li kienet, fl-ahjar ipotesi ghall-konvenuti, wahda stagjonali. **Ma jirrizultax mill-provi illi s-socjeta` attrici kienet ikkommettiet ruhha preventivament li tippartecipa fil-programm tal-konvenuta fuq perijodu ta' zmien u ghal prezz komplessiv intiz biex joqtol il-valur approssimattiv tax-xogholijiet**, minkejja li jidher li l-valur ta' dawn il-fornituri kien ser ikun wiehed sostanzjali. Effettivament, jirrizulta illi mill-2009 'il quddiem, baqa' ma sar ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet biex jigu stabbiliti r-rati dovuti ghar-reklamar u partecipazzjoni tas-socjeta` attrici fuq il-programm tal-konvenuta. Maghdud dan il-fatt li l-konvenuti jistqarru li qatt ma talbu jew inghataw stima tax-xogholijiet minghand is-socjeta` attrici.

Il-Qorti, diga` f'dan il-kwadru ta' fatti biss, tqis li huwa ftit spjegabbli kif il-konvenuti jridu jikkonvincu illi l-partijiet ftiehmu li jikkumpensaw kull ammont dovut lil xulxin, meta ma jirrizultax mill-provi illi l-valur tal-krediti rispettivi ma kienx kwantifikat jew stabbilit, lanqas approssimattivament, *multo magis* meta l-konvenuti nfushom jishqu illi l-ammont li kellu jkun dovut lilhom jissupera b'mod sostanzjali l-valur tax-xoghlijiet ezgwiti mis-socjeta` attrici.

Fi kliem il-konvenuta stess, Joseph Azzopardi kien "*baqa' jigi mistieden u baqa' jiehu sehem b'mod regolari*" fuq il-programm taghha matul is-snin bejn 2009 u Gunju 2012. Ghall-Qorti, jekk kif tghid il-konvenuta stess is-socjeta` attrici ma kienetx ikkommettiet ruhha minn qabel li tuza s-servizzi tal-konvenuta u l-ftehim dwar partecipazzjoni fil-programm u r-rati dovuti ghar-reklamar u *talk-time* kien isir minn sena ghal sena, dan ma jistax hlief iqieghed l-allegazzjoni li sar ftehim specifiku bejn il-partijiet li l-valur shih tax-xogholijiet imwettqa mis-socjeta` attrici jigi pacut mas-servizzi provduti mill-konvenuta, fi krizi serja ta' kredibbilita`.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi fil-fehma tal-Qorti, it-testimonjanza tax-xiehda mressqin mill-konvenuti dwar il-prezzijiet li kienu jhallsu ghall-partecipazzjoni u reklamar fuq il-programm televiziv tal-konvenuta, ftit jista' jkollha relevanza ghall-fini li jigi ppruvat x'kien il-ftehim bejn il-kontendenti dwar il-hlas dovut reciprokalment bejniethom. Dan ghaliex jirrizulta illi l-ftehim mal-kontibuturi fuq il-programm tal-konvenuta kien jigi negozjat sena b'sena individwalment ma' kull persuna jew ditta. Il-konvenuta nnifisha xehdet illi hija ma kienetx izzomm l-istess rata lil kull kontributur fuq il-programm taghha izda kienet tinnegozja ma' kull klient individwalment billi zzid u trahhas ir-rati fid-diskrezzjoni taghha sabiex tipprova tasal ghal ftehim[6].

Jigi osservat ukoll illi fil-kaz tas-socjeta` attrici, il-konvenuta mxiet diversament milli kif imxiet ma' whud mill-partecipanti ohra tal-programm taghha li maghhom lahqet ftehim dwar kif kellu jsir jew ma jsirx il-hlas. Dan qed jinghad ghaliex evidentement, meta riedet taghmilha car li kellu jkun hemm tpacija bejn dak dovut lilha u l-materjal/servizzi provduti mill-partecipanti tal-programm taghha, dan kien jigi indikat espressament fi ftehim bil-miktub li jirregola l-partecipazzjoni u r-reklamar fil-programm taghha, bhalma del resto sar ma' Lee Aquilina ghan-nom ta' Bonds Limited u ma' Stephanie Falzon ghan-nom ta' Falzon's Bathrooms and Ceramics. F'dawn iz-zewg kazijiet, gie indikat espressament fl-iskritturi rispettivi illi l-pagament ghar-reklamar u partecipazzjoni fil-programm tal-konvenuta, kellu jsir permezz ta' *barter*[7]. Izda fil-kaz tas-socjeta` attrici, ma sar xejn minn dan: la sar ftehim bil-miktub u wisq anqas gie indikat li kellha ssir kumpensazzjoni bejn l-ammonti dovuti reciprokalment bejn il-partijiet.

---

[6] Kontro-ezami tal-konvenuta, 25 ta' Settembru 2019, fol. 191, 194, 195.
[7] Ara Dok. LA1 fol. 150 u Dok; SF2 a fol. 159.

Hawnhekk il-Qorti tosserva illi mill-provi jirrizulta illi l-konvenuta kienet titlob lil Joseph Azzopardi kull tant zmien biex jaggornaha dwar il-valur tax-xogholijiet li kienu qed isiru fil-prorpjeta` taghha. Fir-rigward, huwa sinjifikanti dak li xehdet il-konvenuta in kontro-ezami meta stqarret illi darba minnhom meta kienu fuq il-lant tax-xoghol, hija kienet staqsiet lil Joseph Azzopardi xi kemm kien tela' x-xoghol izda huwa ma kienx taha idea ta' prezz. Mistoqsija ghalfejn staqsietu dan meta suppost l-partijiet kellhom ftehim li jpartu, hija wiegbet illi hija kienet taf kemm kellu riklami u kienet taf kemm ghandha tiehu minghandu u ma xtaqitx li taqbez il-*budget* li kellha allokat ghax-xogholijiet. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-konvenuta nnifisha eskludiet b'mod kategoriku illi kien hemm tpacija konvenzjonali tax-xorta li gie eccepit fir-Risposta ulterjuri taghha, ghaliex jekk waqt il-kors tax-xogholijiet hija riedet tkun taf kemm setghet tpaci mill-ammont dovut ghall-irham u kemm kien ikollha thallas, hu ovvju li ma kienx intlahaq ftehim espress bejn il-partijiet illi l-valur shih tax-xoghlijiet appaltati lis-socjeta` attrici jigi pacut mal-ammont dovut minnha ghas-servizzi ta' reklamar fuq il-programm tal-konvenuta.

Ikkunsidrat;

Wara li qieset dan kollu, u fuq il-preponderanza tal-provi, il-Qorti temmen il-verzjoni tas-socjeta` attrici. Ma hijiex konvinta illi sar ftehim specifiku bejn il-partijiet illi l-valur shih tal-appalt kellu jigi pacut mar-reklamar u *talk-time* fuq il-programm tal-konvenuta.

Il-fatt li ma nhargu l-ebda kontijiet jew fatturi waqt il-perijodu li fih is-socjeta` attrici kienet qed tezegwixxi x-xoghol fil-propjeta` tal-konvenuti u tirreklama s-servizzi taghha fuq il-programm tal-konvenuta, ma jibdel assolutament xejn mill-konkluzjonijiet li waslet ghalihom il-Qorti, ghaliex bl-istess mod li ma sar ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet biex jikkumpensaw l-ammonti dovuti reciprokalment, ma nhargu lanqas ebda kontijiet jew fatturi bejniethom. Joseph

Azzopardi xehed illi kien hemm relazzjoni tajba hafna ta' hbiberija bejnu u bejn il-konvenuta u dan, fil-fehma tal-Qorti, jispjega tajjeb il-fatt illi ma nhargux fatturi ghall-hlas waqt il-kors tax-xogholijiet, kif jispega wkoll il-fatt illi ma sarux lanqas hlasijiet akkont fl-istess perijodu. Dan ikompli jsahhah il-konkluzjoni tal-Qorti illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi jsiru l-konteggi meta jitlestew ix-xogholijiet, kif del resto ghamlet effettivament is-socjeta` attrici meta harget il-kont ghall-hlas fil-5 ta' Ottubru 2012.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi l-konvenuti baqghu ma kkontestawx b'mod effettiv il-verzjoni ta' Joseph Azzopardi meta xehed illi l-konvenuti kienu qalulu specifikatament li huma ma kienux f'qaghda li jhallsu l-ammont dovut lis-socjeta` attrici minhabba ragunijiet finanzjarji. Fil-fatt, il-konvenuta baqghet ma cahditx illi hija kienet infurmat lil Joseph Azzopardi illi ma kienetx f'pozizzjoni li thallsu l-ammont dovut minhabba diffikolta` finanzjarji. Fir-rigward, hi qalet biss li ma tiftakarx li qaltlu hekk[8].

Il-Qorti fehmet ukoll illi l-fatt illi s-socjeta` attrici ghazlet li ghall-finijiet tal-kawza, tnaqqas l-ammont li skont hi huwa dovut ghar-reklamar u partecipazzjoni fil-programm tal-konvenuta ghat-tliet snin bejn Ottubru 2009 u Gunju 2012, ma jfissirx illi l-partijiet kienu ftiehmu li jikkumpensaw l-ammonti dovuti bejniethom, skont kif gie eccepit mill-konvenuti fir-Risposta ulterjuri taghhom. Il-Qorti tqis illi dan it-tnaqqis sar ghaliex hemm rikonoxximent u accettazzjoni da parti tas-socjeta` attrici illi ghandha taghti lill-konvenuta ammont dovut ghar-reklamar u partecipazzjoni fil-programm taghha bejn Ottubru 2009 u Gunju 2012, izda mhux necessarjament ghaliex sar ftehim ta' tpacija *ad hoc* ghall-kompensazzjoni tal-ammont kollu dovut reciprokalment bejn l-partijiet[9].

---

[8] Fol. 201.

[9] Dan wara kollox huwa proprju kif mexa mal-konvenuta ix-xhud Joseph Camilleri dwar il-hlas ghall-materjal (dwal) li kien ipprovda fil-proprjeta` taghha u dwar il-hlas ghar-reklamar u partecipazzjoni tieghu fuq il-programm taghha. Huwa xehed hekk fir-rigward:- "*Ovvjament ahna ghamilna d-dwal taghha skond id-designer li kien hemm, u minflok noqghod jiena nohrogilha l-invoice dejjem, fis-sens li ttini l-flus u mbaghad inhallasha nerga' tal-programm kont niskwerjaw invoice kontra invoice tal-advertising according to, u kont intiha bhala dwal kont …*" – xhieda tat-23 ta' Jannar 2019, fol. 131.

Ikkunsidrat;

Stabbilit ghalhekk illi ma kienx hemm tpacija konvenzjonali bejn il-partijiet, f'dan l-istadju tqum il-kwistjoni dwar jekk tistax issib riskontru t-tpacija legali bit-thaddim ta' l-Artikoli 1196 (1)(2), u l-Artikolu 1197 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 1196 jghid "*meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija*", u mbaghad fis-sub-inciz (2) ikompli "*it-tpacija ssir "ipso jure" wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs*".

L-Artikolu 1197 imbaghad jistipola li "*t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus jew kwantita' determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci li jkunu t-tnejn likwidi u li jkunu jistghu jintalbu.*"

Fis-sentenza citata *supra*[10], inghad hekk in propositu:-

"*... Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantita', u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu (Art 1197 tal-Kap 16);*"

Dawn id-dispozizzjonijiet legali jaghmluha car li biex it-tpacija tista' tapplika, irid ikun hemm element ta' certezza u ezattezza fiz-zewgt idjun, u dan ifisser li jekk hemm xi dubju dwar l-ammont ta' dejn jew inkella parti mid-dejn ikun kontestat, it-tpacija ma tistax issir. Dan huwa fil-fatt konformi mat-taghlim pacifiku tal-qrati taghna illi qatt ma accettaw tpacija meta jkun hemm xi dubju

[10] **Camilleri vs Vassallo**.

jew inkella parti mid-dejn ikun ikkontestat. B'zieda ma' dan, huwa ritenut ukoll illi jekk is-somma tkun kontestata ma tistax tigi eccepita b'success it-tpacija.[11]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. Carm Lino Spiteri vs Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 1988[12], inghad illi ma tistax issir tpacija meta d-dejn illi jkun qed jallega illi ghandu favur tieghu l-konvenut, mhux likwidu u esigwibbli jew ta' lanqas facilment likwidabbli, u t-tpacija lanqas ma topera *ipso jure* jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra.

Illi applikat dan l-insenjament ghall-kaz in dizamina, il-pretensjoni attrici hija certament ghal ammont likwidu skont kif jirrizulta mill-istatement Dok. A anness mar-Rikors promotur, mentri l-pretensjoni tal-konvenuti ma tirrizulta minn imkien li hija ghal ammont cert u likwidu.

Jirrizulta ulterjorment illi s-socjeta` attrici mhijiex qieghda taccetta illi kienu dovuti minghandha ghall-partecipazzjoni fil-program tal-konvenuta u ghar-reklamar, dawk ir-rati msemmija mill-istess konvenuta bhala r-rati li hija kienet titlob minghand il-partecipanti kollha tal-programm taghha. Kemm hu hekk, is-socjeta` attrici ssostni li l-ftehim bejn il-partijiet kien illi ghas-snin 2009 u 2011, kellhom jibqghu jigu applikati r-rati li kienu ftiehmu fl-2006. Skont is-socjeta` attrici, dan ghaliex hija kienet accettat mill-bidu nett tal-partecipazzjoni gdida taghha fuq il-programm fl-2009, li tezegwixxi xoghlijiet estensivi fil-proprjeta` tal-konvenuti li ghalihom talbet il-hlas ghall-materjal biss u mhux ukoll ghal-*mano d'opera*. Is-socjeta` attrici qieghda tinsisti, effettivament, li l-ftehim kien ghall-hlas ta' rata ta' Lm1,000 kull stagun bhalma del resto kienet ir-rata miftiehma fl-2006[13], tant illi hija naqset dan l-ammont mit-talba ghall-hlas lilha dovut.

[11] Ara wkoll **Anastasi vs Dickson** deciza mill-Prim'Awla fit-3 ta' Novembru, 1982.

[12] Mhux pubblikata. Ara wkoll **Molinair Limited vs Phyllisienne Brincat pro et noe**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Gunju 2003.

[13] Mill-ftehim Dok. AA a fol. 117, jirrizulta li ghal 17-il programm bejn Marzu u Gunju 2006, il-hlas miftiehem kien Lm680 (eskluz VAT). Dan ifisser illi kieku s-socjeta` attrici ppartecipat mill-bidu nett tal-istagun u hadet

Maghdud dan, jirrizulta wkoll li l-konvenuta stess ma hijiex certa x'inhu l-ammont preciz li kellu jkun dovut mis-socjeta` attrici u minflok ma esebiet fattura jew talba ohra ghall-hlas, tipprova tistabbilixxi l-ammont li tippretendi li huwa dovut mis-socjeta` attrici b'referenza ghall-kitbiet li saru ma' kontributuri ohrajn fuq il-programm taghha matul l-istess perijodu ta' zmien, u bix-xhieda ta' whud minn dawn il-kontributuri dwar il-ftehim ta' hlas li kellhom maghha. Madanakollu, il-Qorti tqis li l-konvenuta ma tistax issib konfort b'din ix-xhieda ghaliex kif diga` nghad, din ma tistax tikkostitwixxi prova ta' dak li gie miftiehem bejn il-partijiet odjerni f'cirkostanzi evidentement differenti minn dawk ta' partecipanti ohrajn.

In-nuqqas ta' certezza tal-konvenuta dwar l-ammont preciz li hija tippretendi li ghandha taghti s-socjeta` attrici, huwa manifestat ulterjorment fil-fatt illi l-konvenuta fl-Affidavit taghha, ma tipprecizax jekk l-iskont ta' 35% fuq ir-rati normalment moghtija lill-kontributuri regolari fuq il-programm, kellux japplika fil-kaz tas-socjeta` attrici u baqghet ma ressqet ebda prova li effettivament is-socjeta` attrici kienet inghatat dan l-iskont.

Ghaldaqstant, fil-gabra ta' dawn ic-cirkostanzi, it-tpacija legali ma tistax topera.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Kif rajna, l-eccezzjoni ta' tpacija tammonta ghal ammissjoni tad-dejn pretiz u f'kull kaz, fil-kaz in dizamina ma jirrizultax li l-konvenuti jikkontestaw *ut sic* il-*quantum* pretiz mis-socjeta` attrici fl-i*statement* tal-5 ta' Ottubru 2012, cioe` s-somma ta' €17,946. Huma jikkontestaw biss it-tnaqqis li sar mis-socjeta` attrici ghaliex jippretendu li kellu jitnaqqas ammont ferm superjuri. Izda kif gia` stabbilit, it-tpacija legali ma tistax topera f'dawn ic-cirkostanzi u galadarba,

sehem fil-programmi kollha - 25 b'kollox – ta' dak l-istagun, l-ammont totali dovut kien ikun ta' Lm1,000 skont kif del resto ssostni s-socjeta` attrici.

evidentement, il-konvenuti ma talbux permezz ta' talba rikonvenzjonali, il-likwidazzjoni u jew il-hlas tal-kreditu li jghidu li huwa dovut lilhom, il-Qorti hija prekluza milli tindaga u tistabbilixxi abbazi tal-provi prodotti, l-ammont li effettivament huwa dovut lill-konvenuti.

Ghalkemm fis-sentenza fl-ismijiet **Virgilio Vella et vs Michael Saliba et** moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Settembru 2005, inghad illi:-

"*F'materja ta' kumpensazzjoni gudizzjali d-domanda rikonvenzjonali kienet tkun rikjesta li kieku l-kreditu oppost bi tpacija ma jkunx ta' facli likwidazzjoni. Dan ghaliex f'kaz bhal dan il-gudikant ikun tenut jippronunzja ruhu kontestwalment fuq iz-zewg domandi - dik principali u dik rikonvenzjonali ... L-accertament fuq il-likwidita`, hekk konsistenti minn valutazzjoni ta' fatt, ma teskludiex il-possibilita` li l-gudikant jinqeda bir-rizultanzi istruttorji ghad-disposizzjoni tieghu. Biex din l-attivita` ta' likwidazzjoni tigi kompjuta mill-gudikant ma hemmx ghalfejn allura talba rikonvenzjonali specifika 'ad hoc'.*"

Fil-kaz odjern, kif diga` stabbilit, il-Qorti tqis illi l-kreditu pretiz mill-konvenuti oltre dak accettat mis-socjeta` attrici, m'huwiex facilment likwidabbli ghaliex l-accertazzjoni tal-kreditu pretiz mill-konvenuti jehtieg ezercizzju ta' stharrig u tgharbil tal-provi mressqin mill-konvenuti, liema provi huma kontestati mis-socjeta` attrici. Maghdud dan il-fatt illi l-konvenuti ma ressqux provi skjetti dwar ir-rati tal-hlas li kellhom japplikaw u kif rajna, mix-xhieda tal-konvenuta hu ovvju li hija ma kienetx izzomm l-istess rata lil kull kontributur fuq il-programm taghha izda kienet tinnegozja ma' kull persuna u tiffissa r-rati fid-diskrezzjoni taghha biex tipprova tasal ghal ftehim[14].

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, galadarba ma saret l-ebda talba formali sabiex tigi reza fix-xejn it-talba attrici ghall-hlas, il-konvenuti jridu jhallsu s-somma mitluba mis-socjeta` attrici.

[14] Kontro-ezami tal-konvenuta, 25 ta' Settembru 2019, fol. 191, 194, 195.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti fir-Risposta ulterjuri taghhom tas-27 ta' Marzu 2018, tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef, disa' mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€10,962.75), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' fornitura u tqeghid ta' irham fil-fond tal-konvenuti kif ahjar imfisser fir-Rikors promotur, bl-imghax mit-8 ta' April 2014, u bl-ispejjez kif mitluba fl-istess Rikors promotur jithallsu mill-konvenuti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**